Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1900

12.7.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1900

tal-11 ta' Lulju 2024

li ttemm l-investigazzjoni kontra s-sussidji li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") rċeviet ilment skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/1037 ("ir-Regolament bażiku"), li jallega li l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, qed jiġu sussidjati u għadaqstant qed ikunu ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(2) L-ilment tressaq fit-8 ta' Novembru 2023 minn ICL Europe U.A., Lanxess Deutschland GmbH u PCC Rokita S.A ("l-ilmentaturi"). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil fis-sens tal-Artikolu 10(6) tar-Regolament bażiku.

(3) Il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolament bażiku fil-21 ta' Diċembru 2023.

(4) Fl-11 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni kienet bdiet investigazzjoni anti-dumping dwar l-importazzjonijiet tal-istess prodott mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([2]), u l-miżuri provviżorji fuq dawn l-importazzjonijiet ġew imposti mill-11 ta' April 2024 ([3]).

2. IRTIRAR TAT-TALBA

(5) F'email lill-Kummissjoni ddatata l-15 ta' April 2024, l-ilmentaturi rtiraw l-ilment tagħhom.

(6) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku, il-proċediment jista' jiġi mitmum, għajr jekk din it-terminazzjoni ma tkunx fl-interess tal-Unjoni.

(7) L-investigazzjoni ma kienet żvelat l-ebda kunsiderazzjoni li turi li tali terminazzjoni ma tkunx fl-interess tal-Unjoni.

3. KONKLUŻJONI U DIVULGAZZJONI

(8) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-proċediment jenħtieġ li jintemm mingħajr determinazzjoni formali li tikkonċerna l-prattiki ta' sussidjar tal-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(9) Il-partijiet interessati ġew infurmati b'dan kif xieraq u ngħataw l-opportunità li jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

(10) Ma wasal l-ebda kumment.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.
([2]) Notifika ta' bidu ta' proċedura anti-dumping rigward l-importazzjoni ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 282, 11.8.2023, p. 4).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1064 tad-9 ta' April 2024 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2024/1064, 10.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1064/oj).

(11) Din id-Deċiżjoni hija f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-investigazzjoni kontra s-sussidji li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina attwalment ikklassifikati taħt l-ex kodiċi NM 2919 90 00 (kodiċijiet TARIC 2919 90 00 50 u 2919 90 00 65) u l-ex kodiċi NM 3824 99 92 (kodiċi TARIC 3824 99 92 38) hija b'dan mitmuma.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN